Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 254/2013

**Dr Kelly Dominic Fenech u b'digriet tal-14 ta' Frar, 2014 l-atti gew assunti minn Michaelangelo Fenech u b'nota tad-19 ta' Frar 2015 rega' assuma l-atti Dr Kelly Dominic Fenech**

**Vs**

**Citadel Insurance plc u b'digriet tal-11 ta' Dicembru, 2013 gie imsejjah fil-kawza d-Direttur, Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impieg**

3 ta' April, 2017.

1. Id-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impieg appella mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Settembru, 2015 li biha d-Direttur gie ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tmintax-il ewro (€118). Ammont li hu parti mis-somma ta' mija u seba u sebghin ewro (€177) li t-Tribunal ikkonkluda li l-attur kellu dritt ghalihom bhala ammont li hallas bhala spejjez legali minhabba r-rifjut tas-socjeta konvenuta li taghti access ghal dokumentazzjoni relattiva u b'hekk tipprova tipprekludih milli jiddetermina l-ammont li kien dovut lilu wara li tterminatlu l-impieg. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Il-vertenza ma ghandhiex tiehu hafna biex tigi risolta. Ir-rikorrenti kien talab lis-socjeta rikorrenti l-informazzjoni mehtiega sabiex huwa jkun jista jasal ghal ammont ta' kemm ghandu jiehu minghand is-socjeta intimata ghal-leave dovut lilu skond il-ligi. Gara li ma ntlahaqx qbil bejn ir-rikorrenti u s-socjeta intimata u kien ghalhekk li r-rikorrenti mar id-Dipartiment tax-Xoghol sabiex huma jintervjenu ghalih mad-datur tax-xoghol tieghu. Gara li d-Direttur kjamat fil-kawza, tramite r-rapprezentanti tieghu talab id-dokumentazzjoni necessarja minghand is-socjeta intimata u din baghtithom lilu pero mhux lir-rikorrenti. Meta r-rikorrenti staqsa lid-Direttur kjamat fil-kawza ghal kopja ta' din id-dokumentazzjoni, huwa gie rinfaccjat b'rifjut u dan peress li "id-Dipartiment ma jistax jaghti access lill-klijent tieghek ghad-dokumenti mitluba minnek stante illi dawn jiffurmaw parti mill-investigazzjoni li d-Dipartiment qed jaghmel wara illi rcieva l-ilment mill-klijent tieghek rigward hlas ta' vacation leave1" (fol. 35). Wara insistenza tar-rikorrenti mal-kjamat fil-kawza tramite korrispondenza mill-konsulenti legali tieghu, d-Dipartiment biddel il-policy tieghu u fil-fatt wera dawn id-dokumenti lir-rikorrenti. Fil-fehma tat-Tribunal, ma kienx jaghmel sens li d-Dipartiment ma kienx qieghed juri d-dokumentazzjoni koncernanti l-impjegat li huma kienu qeghdin jiktbu ghalih. Kien ghalhekk li meta d-Dipartiment ma riedx juri din id-dokumentazzjoni lir-rikorrenti huwa kien kostrett jqabbad avukat u dan sabiex ikun jista jikkawtela d-drittijiet tieghu. Da parti taghha, s-socjeta intimata setghet ukoll taghti kopja ta' din id-dokumentazzjoni lir-rikorrenti u flok ma l-kaz dam ikaxxkar ghal dan iz-zmien kollu, l-kwistjoni kienet tigi, kif jghidu bl-ingliz, nipped in the bud. Ghalhekk, it-Tribunal sejjer isib lis-socjeta intimata in parti (terz) responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti ukoll flimkien mad-Direttur kjamat fil-kawza (zewg terzi)".*

2. L-aggravji tal-appellant huma:

    i. Kien l-attur li minn jeddu ddecieda li jqabbad avukat sabiex jassistih, u dan qabel mal-imsejjah fil-kawza kien ircieva kopja tal-leave slips tal-attur minghand is-socjeta konvenuta.
    ii. It-talba tar-rimbors mhi xejn ghajr arrikkiment ghaliex il-hlas sar minn Michael Angelo Fenech (ara fol. 112).
    iii. It-Tribunal zbalja li kkundanna lill-appellant ihallas nofs l-ispejjez tal-proceduri.

3. L-attur u s-socjeta konvenuta wiegbu. B'mod preliminari ssollevaw in-nullita tal-appell minhabba l-ammont in kwistjoni jista' jsir appell **biss** fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).

4. In vista li l-ammont in kwistjoni ma jaqbizx is-somma ta' €1,164.69 (bl-emendi ntrodotti fl-2016 l-ammont zdied ghal €1,500), appell jista' jsir:

    (a) Fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
    (b) Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;
    (c) Fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);
    (d) Meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u tal-ekwita skont il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

5. Ghall-qorti m'hemmx dubju li bl-ewwel u t-tieni aggravju l-appellant qieghed jistieden lil din il-qorti sabiex taghmel apprezzament tal-provi mill-gdid. Pero' l-ebda wiehed mill-imsemmija paragrafi ma jidher li qieghed jikkontempla appell minn punt ta' fatt (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti, **Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana** tat-28 ta' April, 2004). Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **The Village Bakery Limited vs Albert Balzan** tas-17 ta' Marzu, 2003 fejn din il-qorti qalet hekk dwar l-imsemmija disposizzjoni:

    *"Huwa bil-wisq car illi l-aggravju ma huwa xejn hlief kritika tal-apprezzament li ghamel it-Tribunal ghal dawk li huma fatti u konsiderazzjonijiet legali relatati ghal dawn l-istess fatti. Jista' ghalhekk jinghad minn skrutinju ta' l-obbjezzjonijiet ta' l-appellanti illi ma tezisti l-ebda nuqqas li l-ligi tippostula bhala l-uniku motiv li jaghti dritt ghall-appell. Apparti l-kwistjoni ta' l-imparzjalita` li certament hawnhekk ma tokkorriex lanqas ma jista' jinghad illi l-appellanti wera pozittivament illi d-decizjoni "b'mod gravi" tinsab fondata kontra d-dettami ta' l-ekwita`. Fil-verita` t-Tribunal ma ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita` u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali li rrizultawlu".*

6. Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, gialadarba d-Direttur kien tellief flimkien mas-socjeta konvenuta, il-qorti ma tara xejn irregolari li t-Tribunal ikkundannahom ihallsu nofs l-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.